



## AVVIŻ TA' INFORMAZZJONI DWAR IL-PROTEZZJONI TAD- DATA PERSONALI

—

### IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA TAL-UNJONI EWROPEA

Kull persuna għandha dritt għall-protezzjoni tad-data personali.

L-ipproċessar tad-data personali mill-istituzzjonijiet, mill-korpi u mill-organi tal-Unjoni huwa rregolat mir-Regolament 2018/1725 (ĠU 2018, L 295, p. 39).

Dan l-avviż jispjega għaliex u kif id-data tiegħek tintuża fil-kuntest tal-ipproċessar inkwistjoni.

### REĠISTRAZZJONI TAL-IDENTITÀ U TAD-DETTALJI BANKARJI TA' TERZI <sup>1</sup> LI MAGĦHOM IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA TAL-UNJONI EWROPEA JKOLLHA RELAZZJONI FINANZJARJA

#### Min huwa l-kontrollur tad-data?

Il-kontrollur tad-data għal dan l-ipproċessar huwa l-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Qorti tal-Ġustizzja" jew l-"Istituzzjoni").

#### Għalfejn għandna bżonn id-data tiegħek?

Konformement mal-Artikolu 86(3) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, id-dipartimenti tal-kontabbiltà tal-Qorti tal-

---

<sup>1</sup> Terzi tfisser entità rregolata mid-dritt pubbliku, entità rregolata mid-dritt privat jew persuna fiżika li magħha l-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea jkollha relazzjoni finanzjarja. Id-data personali ttrattata tirrigwarda persuni fiżiċi identifikati jew li jistgħu jiġu identifikati li jirrappreżentaw tali entità jew li huma stess ikollhom relazzjoni finanzjarja mal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea



Ġustizzja jżommu d-data personali tiegħek f'reġistru u jħalluhom fis-sistema ta' ġestjoni tal-kontabbiltà u ġestjoni finanzjarja tal-Qorti tal-Ġustizzja biss sa fejn dan huwa meħtieġ għall-ipproċessar u għad-dħul fil-kontijiet tar-relazzjonijiet finanzjarji u kuntrattwali, diretti jew indiretti, li inti għandek jew x'aktarx ikollok mal-Qorti tal-Ġustizzja.

## Kif irċevejna d-data tiegħek?

Id-data personali tiegħek tinġabar mill-persuna ta' kuntatt tiegħek fid-dipartiment tal-awtorizzazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja li magħha tkun f'kuntatt li tibgħathom lid-dipartiment tal-kontabbiltà tal-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tirreġistrahom fis-sistema ta' ġestjoni tal-kontabbiltà u ġestjoni finanzjarja.

## Min għandu aċċess għad-data tiegħek?

Il-membri tal-persunal tal-Istituzzjoni responsabbli għall-ġestjoni finanzjarja u għall-kontabbiltà għandhom aċċess għad-data tiegħek, kif ukoll l-awdituri tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri fil-kuntest tal-missjoni fdata lilha mill-Artikolu 287 TFUE.

## Għal kemm tinżamm id-data tiegħek?

Konformement mal-perijodi ta' żamma tad-dokumenti adottati mill-Istituzzjoni, id-data personali, fil-format stampat jew elettroniku, tinżamm għal perijodu ta' 10 snin li jibda mill-1 ta' Jannar wara s-sena li fiha tkun ingħalqet l-aħħar tranżazzjoni finanzjarja miegħek.

Il-fajls fil-format stampat jew elettroniku jiġu mħassra fis-sena wara t-tmiem tal-perijodu ta' żamma.

## Liema huma d-drittijiet tiegħek?

Konformement mar-regoli applikabbli, għandek dritt titlob lill-kontrollur tad-data aċċess għad-data tiegħek, kif ukoll, skont il-każ, għar-rettifika tagħha jew id-dritt li titlob restrizzjoni ta' pproċessar.



### **Kif tista' teżerċita d-drittijiet tiegħek? Lil min għandek tikkuntattja?**

Tista' tikkuntattja lill-kontrollur tad-data, l-uffiċjal tal-kontabbiltà, bil-modi segwenti:

Indirizz elettroniku: [Fichiers\\_tiers@curia.europa.eu](mailto:Fichiers_tiers@curia.europa.eu)

Indirizz postali: Cour de justice de l'Union européenne  
Direction du Budget et des affaires financières  
Unité Comptabilité  
L-2925 Luxembourg  
LUXEMBOURG

Tingħata risposta għat-talba tiegħek mill-iktar fis possibbli u fi kwalunkwe każ f'terminu ta' xahar. Skont il-bżonn, dan it-terminu jista' jiġi pprorogat.

Tista' wkoll tikkuntattja lill-Uffiċjal għall-Protezzjoni tad-Data tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea: Kuntatt / [DataProtectionOfficer@Curia.europa.eu](mailto:DataProtectionOfficer@Curia.europa.eu)

### **II-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data**

Għandek dritt tressaq ilment quddiem il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data jekk tqis li l-ipproċessar tad-data personali li tikkonċernak ma jkunx konformi mar-Regolament 2018/1725.